**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

**Mag. Dr. A. Demicoli**
**Deċiża 3 ta' Ġunju 2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Andrea**

**Rikors tal-appell ta'**
**Jesponi bir-rispett:**

Illi l-esponent tressaq taħt arrest nhar l-10 ta' Awissu 2006 u kien akkużat bis-segwenti imputazzjonijiet:

1) B'diversi atti magħmulin minnu f'dawn l-aħħar snin li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda ġewwa diversi bnadi f'Malta, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil bintu Stephanie Stellato u lil ex-martu Sandra Falzon jagħmlu, iħallu isiru, jew jonqsu milli jagħmlu, xi ħaġa u dan ai termini tal-artikoli 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, ħebb għall-bintu Stephanie Stellato sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmilha ħsara, u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3) Fl-istess dati, lok u ċirkostanzi ġewwa l-gżejjer Maltin hedded lill-istess bintu Stephanie Stellato u lill-ex-martu Sandra Falzon bi kliem u, dan ai termini tal-artikoli 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kapitolu 481 ta' Malta.

4) Fl-istess bnadi, ħinijiet u żminijiet ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' bintu Stephanie Stellato, u dan ai termini tal-artikoli 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5) Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 sa nhar l-10 ta' Awissu 2006 ġewwa diversi bnadi fil-gżejjer ta' Malta f'diversi ħinijiet differenti b'riżoluzzjoni waħda uża vjolenza sabiex iġiegħel lil bintu Stephanie Stellato tagħmel, jew tħalli jsiru, jew tonqos milli tagħmel, xi ħaga, u dan ai termini tal-artikoli 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta.

6) Bejn il-perjodu tat-28 ta' Frar 2006 sa nhar l-10 ta' Awissu 2006 ġewwa diversi bnadi fil-gżejjer ta' Malta, ħebb għal bintu Stephanie Stellato sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara, u dan bi ksur tal-artikoli 18 u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta.

7) Bejn il-perjodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa nhar l-10 ta' Awissu 2006 f'diversi bnadi ta' Malta hedded lill-istess bintu u lill-ex-martu Sandra Falzon bi kliem, u dan ai termini tal-artikoli 18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta.

8) Bejn il-perjodu ta' 28 ta' Frar 2006 sa nhar l-10 ta' Awissu 2006 f'diversi bnadi ta' Malta kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' bintu , u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

9) Fl-istess żminijiet u ċirkostanzi f'diversi inħawi f'Malta b'imġiebtu ikkaġuna lil ex-martu u lil bintu, li jibżgħu li ser tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-propjeta' tagħhom, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li tali imġieba tiegħu se tikkaġuna lil dawn il-persuni li hekk jibżgħu u dan ai termini tal-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju 2011 mogħtija fl-ismijiet fuq premessi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li sabet lill-esponent mhux ħati tar-raba (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u kkundannatu għal tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għall-perjodu ta' tlett snin. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kap. 9 ordnat ukoll l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta ta'

Illi l-**fatti** fil-qosor kienu s-segwenti:

Illi l-esponent kien miżżewweġ lil S ... u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla li ngħatat l-isem ... F'Awissu 2006 din kellha 13 il-sena.

Illi diversi snin ilu u preċiżament fis-sena 1998 ... kienet qabdet u telqet lejn l-Awstralja fejn sabet partner ġdid u bdiet relazzjoni miegħu. Meta għamlet hekk ħalliet warajha lill-bintha ... Konsegwentement it-tifla bdiet titrabba mill-esponent flimkien u bl-għajnuna ta' omm l-esponent u ta' ħutu. In effetti, anki minħabba l-impenji ta' xogħol u ta' studji, sa mis-sajf tas-sena 2001 ... kienet tgħix ma' omm l-esponent; matul il-perjodu tas-sajf ġewwa r-residenza tagħha f'Buġibba u, fir-residenza tagħha ġewwa l-Belt Valletta matul ix-xhur tax-xitwa.

Illi fis-sena 2006 ... kienet tinsab hawn Malta. Ġara illi fl-10 ta' Lulju 2006 l-esponent kien siefer u kien ġie akkumpanjat fl-ajruport ukoll minn bintu stess li saħansitra xtratlu choker qabel ma telaq bħala turija ta' rispett u mħabba lejn missierha. Filwaqt li huwa kien imsiefer kienu anki ġew skambjati xi chats permezz ta' skype u metodi oħra.

Illi pero meta l-esponent irritorna lura Malta sab illi Stephanie kienet telqet mid-dar fejn kienet qed tirrisjedi flimkien ma' omm l-esponent. Wara diversi interventi rriżulta li ... kienet ħadet lil bintha ġewwa *"shelter house"* u minn hemm il-quddiem ir-relazzjoni tal-esponent u tal-familjari tiegħu ma' ... maqtugħa ħesrem, tant illi minn dakinhar sallum bintu rrifjutat li jkollha kwalsiasi kuntatt ma' missierha jew ma' membri oħra tal-familja tiegħu.

Wara diversi tentattivi fil- Qorti Ċivili ... ottjeniet permess sabiex isiefer lil bintha u sallum għadha qatt ma rritornat lura. In effetti jirriżulta mill-atti li reġgħet marret lura l-Awstralja fejn magħha qiegħda tgħix ...

Illi fatt ieħor pertinenti huwa li sa ftit ġranet qabel ma nbdew dawn il-proċeduri penali, l-Qorti tal-Familja kienet tat digriet fejn ikkonfermat li l-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tibqa f'idejn il-missier. Dana d-digriet ingħata in segwitu għall-proċeduri fejn il-Qorti tal-Familja mhux biss innominat Avukat sabiex jirrapreżenta l-interessi tal-minuri Stephanie, iżda ukoll ħatret esperti sabiex jagħmlu l-analiżi professjonali tagħhom u konsegwentement jirrelataw lill-istess Qorti tal-Familja. Di piu', l-Imħallef sedenti kien saħansitra sema lill-minuri **<u>waħdu</u>** fis-sigrieta tiegħu. A bażi ta' dan kollu ngħata d-digriet surriferit.

Illi l-**aggravji** huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi in kwantu l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda lil [illegible] jiġi umilment rilevat li mid-deposizzjoni tagħha a folio 236 et seq, anki jekk emnuta 'a bocca baciata', tirrisali għal diversi snin ilu fejn, allura kien ddekorra l-perjodu ta' preskrizzjoni stipulat fl-Artikolu 688 tal-Kap. 9.[1]

2. Illi, mingħajr preġudizzju għal dak fuq premess, anki jekk wieħed jaċċetta din id-deposizzjoni, imkien ma jirriżulta mill-istess l-elementi tar-reat fl-Artikolu 251. Bir-rispett jingħad illi l-hekk imsejjaħ abbuż fiżiku, emozzjonali, psikoloġiku u anki finanzjarju (sic) li tixhed dwarhu [illegible] a folio 239 et seq tal-proċess ma għandu x'jaqsam xejn mal-elementi tar-reat ta' vjolenza kontra l-privat li biħ l-akkużat ġie akkużat.

Bilkemm hemm għalfejn jingħad li dan ir-reat jeħtieġ mhux biss vjolenza, li tabilħaqq tista tkun anki morali, iżda ukoll li dik il-vjolenza tkun qed issir bi skop speċifiku.

3. Illi l-istess argumentazzjoni umilment mressqa l-quddiem fit-tieni aggravju ta' dan ir-rikors, japplika ukoll in kwantu l-ewwel imputazzjoni u l-ħames imputazzjoni tirrigwarda lil [illegible]

4. Illi l-ewwel Qorti, bir-rispett, erronjament sabet lill-esponent ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, kif ukoll tas-sitt u tas-seba imputazzjoni. Illi anki hawn dan l-aggravju, fl-umli fehma tal-esponent, jreġġi anki jekk wieħed kellu jwarrab l-provi kollha li nġabu in difesa u iaċċetta l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn [illegible] u [illegible]

Illi dana qiegħed jingħad għaliex dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huma effettivament ta' natura kontravenzjonali u dan irrispettivament mir-riferenza għall-Kap 481 fl-imputazzjonijiet imsemmija, benche li tali riferenza, ġustament, ma tinstabx fis-sentenza appellata.

[1] Fl-obiter f'paġna 11 tas-sentenza appellata ma jidhirx li l-esponent nstab ħati ta' din l-imputazzjoni pero' fid-deċiża ma jirriżultax li saret d-distinzjoni bejn Sandra Falzon u Stephanie Stellato.

Illi konsegwentement dana ifisser li kwalsiasi azzjoni ta' allegat ħebb jew theddid, kemm fil-konfront ta' in kwantu jirrigwarda t-tieni u s-sitt imputazzjoni, kemm fil-konfront tagħha u ta' ommha in kwantu jirrigwarda t-tielet u s-seba imputazzjoni, huma milquta bil-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 688 (f) tal-Kap 9. Tabilħaqq id-diċitura tal-Artikolu 688(f) hija ċara fil-portata tagħha. Tabilħaqq ukoll li, mill-provi, imkien ma jirriżulta xi att volontarju ta' ħebb jew theddid magħmul entro t-tlett xhur qabel l-10 t' Awissu 2006, ossija l-ġurnata meta l-esponent tressaq sabiex iwieġeb għal dawn l-imputazzjonijiet.

5. Illi l-esponent instab ukoll, bir-rispett, erronjament ħati tad-disgħa imputazzjoni in kwantu din tirriferi għal

Hawnhekk ukoll dana l-aggravju huwa msejjes fuq dak li xehdet l-ex mara tal-akkużat Hawnhekk ukoll qed jiġi umilment sottomess li dana l-aggravju, għalhekk, għandhu jiġi akkolt irrespettivament mill-fatt li l-esponent jikkontesta fermament l-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-istess ex-mara tiegħu.

Dana qieghed jingħad għaliex ir-reat kontemplat fid-disgħa imputazzjoni huwa dak li nsibu fl-Artikolu 251B tal-Kap 9. Issa dan ir-reat daħal fis-seħħ bl-Att XX tal-2005. Jirriżulta ampjament li fil-perijodu meta suppost l-esponent aġġixxa b'mod li kien bi ksur tal-Artikolu 251B tali reat ma kienx jeżisti bħala reat fil-liġijiet tagħna.

In effetti, mill-atti jirriżulta li l-esponent iżżewweġ fl-1989 lill Jirriżulta ukoll li bintu eldet fl-1992 u, meta t-tifla kien għad kellha biss sitt xhur l-konjuġi kienu diġa de facto separati. Jirriżulta inoltre li elqet lejn l-Awstralja u ħalliet warajha lill-bintha fl-1998 u reġa ġiet Malta biex tieħu lura lill-bintha fis-sena 2006. Matul dan il-perjodu ma kien hemm ebda kuntatt bejn l-esponent u martu li b'xi mod, imqar remotament, jista jiġi klassifikat bħala kuntatt li jwassal għall-estremi tar-reita ravviżata fl-Artilolu 251B tal-Kap 9.

Illi għalhekk, bid-dovut rispett, ġaladarba dak li qed tixhed dwaru nur lura għaż-żmien meta kienet għadha tgħix ma' żewġha, jfisser li jirrisali għal kważi ħmistax il-sena qabel. Kjarament jirrisali għal qabel ma daħal fis-seħħ l-imsemmi Artikolu 251B tal-Kap 9. Ergo l-ewwel Qorti, bir-rispett, erronjament sabet l-esponent ħati tad-disgħa imputazzjoni in kwantu jirrigwarda lil

6. Illi dak fuq premess fil-ħames aggravju ta' dan ir-rikors iapplika ukoll in kwantu d-disgħa imputazzjoni tikkonċerna lil S [illegible]
Illi, in effetti, mid-deposizzjoni tagħha minn imkien ma jirriżulta li l-inċidenti msemmija seħħew fil-perjodu wara d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 251 B tal-Kap. 9.

7. Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq premess jiġi ukoll rilevat li l-Ewwel Qorti bir-rispett għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, liema apprezzament kien ukoll imsejjes fuq ennunċjazzjoni skorretta tal-liġi.

Illi f'dan ir-rigward jingħad illi s-sentenza appellata essenzjalment sostniet li, fid-deċiżjoni dwar l-apprezzament ta' provi, straħet fuq il-komportament tal-minuri waqt il-'*video conferencing*'. Sostniet ukoll li dana wassalha sabiex tikkonkludi li l-minuri ma kienitx qed tallega dak li kienet qed tallega għax kienet influenzata minn ommha.

F'dana l-istadju tajjeb li jiġu sinjalati s-segwenti:

a) L-Ewwel Qorti tagħmel riferenza għad-dikjarazzjoni esebita a folio 12-15 tal-proċess. Tuża din id-dikjarazzjoni sabiex tikkonkludi li l-minuri ma setgħatx tiġi influenzata minn ommha.

Pero tajjeb li jingħad li tali dikjarazzjoni la hija ammissibli bħala prova u konsegwentement lanqas ma għandha valur probatorju. Jidher għalhekk li fost il-konsiderazzjonijiet obiter magħmula mill-ewwel qorti sabiex tasal tiddeċiedi jekk taċċettax il-verżjoni tal-minuri u li din ma kienitx influenzata minn ommha kien hemm propju konsiderazzjoni kardinali li kienet imsejsa fuq prova inammessibli u bla valur probatorju.

Illi l-bran relattiv mis-sentenza appellata hija s-segwenti:

*"Dan jingħad għal diversi raġunijiet, l-ewwel u qabel kollox għaliex l-allegazzjonijiet li għamlet meta xehdet f'dawn il-proċeduri kienet diġa għamlithom meta rrilaxxjat id-dikjarazzjoni li tinsab inserita a fol. 12 sa 15 u din id-dikjarazzjoni kienet ittieħdet fid-9 ta' Awissu 2006, u cioe' meta l-minuri kienet ilha biss ftit tal-jiem fil-kustodja ta' ommha u għalhekk żgur li ma setgħatx tiġi influwenzata b'dak il-mod".*

Tajjeb li jiġi rimarkat fi kwalunkwe każ li din id-dikjarazzjoni, datata 9 ta' Awissu 2006, saret mill-minuri fil-presenza ta' ommha!!

Tajjeb li jiġi rrimarkat ukoll li mill-istess dikjarazzjoni jirriżulta li l-minuri kienet **<u>diġa</u>** marret, naturalment instigata minn ommha, għall-sessjonijiet ta' għajnuna psikologika u psikjatrika!!

Tajjeb li jiġi rrimarkat ukol li f'din id-dikjarazzjoni hemm riferenza għall-fatt li l-minuri kienet ilha f'kuntatt ma' ommha għall-sentejn qabel id-data ta' din id-dikjarazzjoni.

b) Illi f'dan il-kuntest jiġi ukoll mfakkar, fatt dan li ma jsib ebda menzjonament mill-Ewwel Qorti, li kienet stqarret (u dana permezz ta' messaġġi tramite sms) li ġiet lura Malta biex tieħu lura lill-bintha. Dana ma għamlitux permezz tal-Qorti tal-Familja u b'hekk f'daqqa waħda feġġew dawn l-akkużi.

c) F'dana l-isfond ma jistgħax ma jissemmiex l-fatt li f'Lulju 2006 l-Imħallef sedenti fil-Qorti tal-Familja kien sema lill-minuri in camera. Kienu magħhom l-Avukat Ramona Frendo fil-vesti tagħha ta' Avukat tat-tfal. Kien tħejja rapport mill-Appoġġ u dan wara li kellmu lill-minuri. Dana kollu sar meta l-esponent lanqas kien hawn Malta!! Żgur, għalhekk, ma jistax jingħad li hawn il-minuri tkellmet b'xi mod minħabba li kienet sfurzata minn missierha.

Illi għalhekk fl-istess perjodu li suppost seħħew dawn il-fatti, l-Imħallef sedenti fil-Qorti tal-Familja ikkonferma li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tibqa fdata f'idejn l-esponent. Dwar dan kollu ma jsir ebda menzjonament mill-Ewwel Qorti.

d) Hekk ukoll l-esponent huwa pjuttost perpless dwar il-fatt li ebda menzjonament ma jsir tax-xhieda li xehdu in difesa, donnu dan il-każ spiċċa fl-istadju tal-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni, għajr għall-paragrafu iżolat f'paġna 9. B'hekk l-ebda menzjonament ma jsir dwar il-komportament tal-minuri fil-konfront ta' missierha dakinhar li huwa siefer, ossija fl-10 ta' Lulju 2006. Dan kien konfermat mhux biss mill-esponent iżda anki minn Mark Thornhill li wassal lill-esponent l-ajruport. L-ewwel Qorti ma rat ebda signifikat fil-'*lucky charm*' li tqiegħdet minn bintu fil-bagalja.

e) Ebda riferenza jew signifikat ma deher li ngħata lill-pluralita ta' ittri, ritratti u dokumenti li ġew ippreżentati. Dawn kienu signifikanti mhux biss fil-konfront ta' dak li stqarrew n u S iżda ukoll fir-riġward ta' dak li stqarret Ġara bl-invers, li n ġiet menzjonata bħala xhud li tikkorrabora l-verżjoni ta' .

f) Illi huwa kontro-sens bir-rispett li wieħed jgħid li jaċċetta l-verżjoni tal-minuri iżda imbagħad, fl-istess ħin, ma tinstabx ħtija tar-raba u tat-tmien imputazzjoni.

g) Illi huwa ukoll stramb kif dak mistqarr minn f'affidavit ippresentat fl-1995 fil-proċeduri għall-kura u kustodja jiġi rifless fid-deposizzjoni tal-minuri u fl-istess ħin kien jiġi konkluż li l-minuri ma kienetx influenzata minn ommha.

h) Ebda menzjonament ma sar dwar il-kwistjoni tal-mobile phone u li dak mistqarr mill-minuri mhuwiex konformi mal-okkorenza esebita.

Għaldaqstant l-esponent filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi prodotti u għal dak li talvolta jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-appell jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-3 ta' Ġunju 2011 fil-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent mhux ħati tar-raba u tat-tmien imputazzjoni, tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-esponent ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba u d-disa imputazzjoni u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni u piena.

**Avv.**

*Appellant:* 1